**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**PERIT JESMOND MUGLIETTE**
**INGINIER ALEXANDER GALEA**

**Illum 17 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru. 36/2013**

**Frans Farrugia**

**Vs**

**Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti li gie pprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fejn gie premess is-segwenti:-

1. *" Illi l-esponent huwa s-sid ta' l-art ossia ghalqa fi Triq l-Iljun, Ta' l-Istabar, il-Marsa;*

2. *Illi l-Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali kien nieda skema ghar-registrazzjoni ta' sorsi tal-ilma ta' taht l-art liema skema kienet taghlaq nhar l-20 ta' Novembru 2008.*

3. *Illi l-Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali kien sussegwentament ghamel regolamenti godda permezz tal-Avviz Legali 204 tal-2009 li permezz taghhom l-Malta Resources Authority bdiet tilqa' applikazzjoni ghar-registrazzjoni ta' sorsi tal-ilma ta' taht l-art li ma kienux hekk registrati sal-20 ta' Novembru 2008;*

4. *Illi fil-bidu ta' 2010, wara maltempata qawwija, b'effett tal-ilma, nfethet toqba fil-wicc tal-hamrija tal-ghalqa tal-esponent, li minnha beda jnixxi ammont ta' ilma u wara li ghamel il-verifiki necessarji rrizulta sors ta' ilma taht l-art, liema ilma kien tajjeb ghat-tisqija;*

5. *Illi l-esponent ai termini tal-istess Avviz Legali 204 tal-2009 Artiklu 3, applika ghar-registrazzjoni ta' borehole permezz tal-applikazzjoni skont il-ligi, flimkien mal-affidavit rikjest, kopji ta' liema qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok FF1 u Dok FF2 rispettivament;*

6. *Illi l-esponent hallas is-somma ta' mitt euro (€100) bhala dritt addizzjonali rapprezentanti dewmien tan-notifika;*

7. *Illi l-applikazzjoni ta' l-esponent sabiex jigi rregistrat sors ta' l-ilma ta' taht l-art ma gietx accettata kif jirrizulta mill-kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi hawn anness u mmarkat bhala Dok FF3 datata 28 ta' Settembru 2011;*

8. *Illi l-Awtorita` ordnat lill-esponent sabiex jaghlaq is-sors tal-ilma ta' taht l-art skont l-ispecifikazzjonijiet teknici stipulati fi zmien tletin gurnata minn meta l-esponenti rcieva l-istess ittra u sabiex jipprovdi l-provi ta' dan lill-Awtorita`;*

9. *Illi l-esponent jhossu aggravat minn din id-decizjoni u ghaldaqstant qieghed jinterponi dan l-umli appell;*

10. *Illi* ***l-ewwel aggravju*** *tal-appellanti huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li fil-kaz taghha, kienu jirravizaw ruhhom ic-cirkostanzi specjali kontemplati fl-Artikolu 3 tal-Avviz Legali 204 tal-2009 sabiex tigi konsidrata bhala valida n-notifika ta' sors ta' taht l-art maghmula mill-esponenti;*

11. *Illi kif spjegat qabel, l-appellant m'applikax taht l-iskema li ghalqet fl-20 ta' Novembru 2008 stante illi huwa stess ma kienx jaf b'dan is-sors ta' ilma taht l-art proprjeta` tieghu qabel l-istess data u sar jaf b'dan is-sors b'mod accidentali wara maltempata fl-2010 u ghaldaqstant kien fl-impossibilita` li jaghmel id-debita notifika;*

12. *Illi l-appellanti malli sar jaf b'dan is-sors ta' ilma ha l-passi kollha necessarji sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni skont il-ligi kif jirrizulta ampjament mid-dokumenti annessi;*

13. *Illi dawn ic-cirkostanzi, fl-umli fehma tal-appellanti jikkostitwixxu c-cirkostanzi specjali msemmija fl-Artikolu 3 tal-Avviz Legali 204 tal-2009 sabiex tigi rregistrata l-*

*imsemmija borehole wara l-gheluq tat-terminu ta' registrazzjoni tal-25 ta' Novembru 2008;*

14. *Illi* ***t-tieni aggravju*** *tal-appellanti huwa car u manifest in kwantu d-decizjoni datata 28 ta' Settembru 2011 tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi hija wahda abbuziva u illegali;*

15. *Illi b'riferenza ghad-decizjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, jigi rilevat li l-Awtorita` naqset milli taghti ragunijiet ghaliex m'accettatx l-applikazzjoni u/jew notifika tal-appellanti u dana bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, kif ritenut mill-Qrati Maltin;*

16. *Illi in oltre fid-decizjoni taghha l-Awtorita` ddikjarat illi "Dan sar wara li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Rizorsi skont l-Artikolu 25 tal-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi qies li cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa ma jezistux bhal fil-kaz tal-applikazzjoni tieghek."*

17. *Illi ghalhekk il-kliem "bhal fil-kaz tal-applikazzjoni tieghek" jimplikaw manifestament li c-cirkostanzi specjali fil-kaz tal-appellanti kienu jezistu u fil-fatt in-notifika u/jew applikazzjoni taghha kienet wahda gustifikata u xierqa ai termini tal-ligi;*

18. *Illi* ***t-tielet agravju*** *tal-appellanti huwa car u manifest in kwantu l-ispecifikazzjonijiet teknici imposti fid-decizjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi ma jistghux isiru mill-appellant stante illi huwa ma ghandux kontroll fuq is-sors ewlieni tal-ilma u bhal ma l-ilma beda jnixxi fl-art tieghu minghajr ebda intervent da parti tieghu, l-ilma hekk ser jibqa` jaghmel minkejja kull intervent tieghu u ghalhekk l-appellanti fi kwalunkwe kaz huwa fl-impossibilita` li jaghmel dak mitlub minnu;*

***Ghaldaqstant*** *in vista tas-suespost l-appellant jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu:*

1. *Jissospendi b'mod immedjat l-ordni biex jinghalaq is-sors tal-ilma ta' taht l-art hawn fuq imsemmi;*

2. *Jiddikjara li n-notifika tal-appellanti ta' sors ta' ilma ta' taht l-art bhala valida ai termini tal-Avviz Legali 204 tal-2009 u l-Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Jirrevoka l-ordni moghtija mill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi biex jinghalaq is-sors tal-ilma mertu ta' dawn il-proceduri;*

   *U f'kaz li t-tieni u /jew it-tielet talba ma jistghux jintlaqghu:*

4. *Jordna lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi tirrifondi lura lill-appellanti d-dritt addizzjonali mhallsa minnha b'rabta man-notifika mertu ta' dan l-appell."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"Illi preliminarjament dan l-appell huwa irritu u null u dana peress li l-ebda wahda mill-aggravji tal-appellanti ma tinkwadra kif jipprovdi espressament l-Artikolu 34 (2) tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi l-aggravji limitati li wiehed jista' jipproponi quddiem dan l-Onorabbli Bord.*

*Illi l-artikolu 34 tal-Kap 423 jipprovdi li appell lil dan l-Onorabbli Bord jista' jirrigwarda allegat:*

a) *Zball materjali dwar il-fatti;*
b) *Jekk ikun hemm zball materjali fil-procedura;*
c) *Jekk ikun sar zball fil-ligi;*
d) *Jekk ikun hemm xi illegalita` materjali, inkluza irragonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalita` fis-sentenza.*

*Illi fil-kaz odjern ma tirrizulta ebda wahda mis-segwenti u in oltre l-appellanti lanqas ma jsejjes l-aggravji tieghu fuq dak li titlob il-ligi.*

A. ***Dwar l-ewwel aggravju - u cioe` li kienu jirravizaw ruhhom ic-cirkostanzi specjali kontemplati fl-artikolu 3 tal-Avviz Legali 204 tal-2009 sabiex tigi konsidrata bhala valida n-notifika ta' sors ta' taht l-ilma maghmula mill-appellanti***

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti jikkontendi li kienu jirravizaw ruhhom ic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 3 tal-Avviz Legali 204 tal-2009 sabiex tigi konsidrata bhala valida n-notifika ta' sors ta' taht l-art maghmula mill-esponenti.*

*Il-linja ta' difiza li jaghzel l-appellanti sabiex jiggustifika l-applikazzjoni tardiva tieghu, hi li huwa ma kienx jaf b'din il-bore hole peress li gie a konoxxenza tal-ezistenza taghha biss fil-bidu tas-sena 2010.*

*Illi l-appellanti jikkontendi li dan il-fatt jikklassifika bhala cirkostanzi specjali, liema cirkostanzi kellhom iwasslu sabiex l-appellanti jinghata l-possibilita` li jirregistra l-imsemmija bore hole wara l-gheluq tat-terminu ta' registrazzjoni tal-25 ta' Novembru 2008.*

*Jigi rilevat li l-applikazzjoni kienet kkunsidrata mill-Kumitat, hekk kif jipprovdi l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan sabiex dak il-kumitat jikkonsidra jekk jezistux cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa sabiex tigi gustifikata skont l-istess Avviz Legali u dana ma rrizultax.*

*Jigi rilevat li ma kien hemm l-ebda cirkostanza specjali fir-rigward tal-kaz ta' l-appellanti.*

*In oltre, lanqas ma l-appellanti pprezenta xi prova jew dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit li pprezentaw mal-applikazzjoni tieghu, sabiex isahhah l-istess.*

*Huwa ghalhekk, minhabba li dan l-aggravju ma jissusisti taht l-ebda wiehed mis-subartikolu tal-Artikolu 34 tal-Kapitolu 423 u peress li ma tezisti ebda cirkostanza specjali li timmerita li tintlaqa' t-talba tal-appellanti.*

B. ***Dwar it-tieni aggravju: illi d-decizjoni datata 28 ta' Settembru 2011 tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi hija wahda abbuziva u illegali***

*L-appellanti jikkontendi li huwa kellu d-dritt li jinnotifika s-sors tal-ilma ai termini tal-Avviz Legali 204 tas-sena 2009.*

*Illi skont l-Avviz Legali 204/2009, senjatament l-Artikolu numru tnejn (2), l-Awtorita` kellha mill-15 ta' Lulju, 2009 sa dik id-data li tigi stabbilita mill-Ministru permezz ta' avviz fil-Gazzetta, taccetta applikazzjonijiet ghan-notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taht l-art li ma kienux gew ipprezentati lilha sal-20 ta' Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun gustifikat b'ragunijiet minhabba cirkostanzi specjali li jkunu xierqa; u huma biss dawk ic-cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skont l-artikolu 25 ta' l-Att, ghandhom jitqiesu validi mill-Awtorita`.*

*Illi l-istess Avviz Legali 204/2009 ikompli u jipprovdi li "flimkien man-notifika, utent ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art ghandu wkoll jipprezenta affidavit li jigi mahluf u konfermat taht gurament quddiem kummissjunarju b'setgha li jaghti gurament, fejn jigi specifikat fl-affidavit ir-ragunijiet u c-cirkostanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika, flimkien ma' kull prova u dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit."*

*Jigi rilevat li l-appellanti qieghed jikkontendi li huwa ma nghatax ragunijiet il-ghala l-Awtorita` ma accettatx l-applikazzjoni tieghu.*

*Dan huwa inveritier fis-sens illi l-Awtorita` permezz tad-decizjoni taghha tat-28 ta' Settembru 2011 avzat lill-appellanti li c-cirkostanzi specjali li jiggustifikaw l-applikazzjoni tieghu ma kienux jezistu u dan b'konformita mal-ligi senjatament l-Artikolu 25 tal-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi.*

*Illi ghalkemm l-appellanti pprezenta affidavit, huwa naqas li jipprezenta xi hjiel ta' prova jew dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit. Huwa fuq dawn il-binarji, li l-bord ikkunsidra u rritena li ma tissusisti ebda raguni valida li twassal sabiex is-sors ta' taht l-art tal-appellanti jigi kkunsidrat bhala validament notifikat.*

*Illi in oltre, l-argument tal-appellanti fejn jipprova joftoq il-kliem u bhal jissugerixxi li l-Awtorita` f'xi hin ammettiet li kien hemm cirkostanzi specjali huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u legalment ma jregix u ghaldaqstant dan l-aggravju ghandu jigi michud.*

*C.* ***Dwar it-tielet aggravju: illi l-ispecifikazzjonijiet teknici mposti fid-decizjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi ma jistghux isiru mill-appellant billi hu ma ghandux kontroll fuq is-sors.***

*Dan l-aggravju huwa frivolu u vessatorju peress li preliminarjament ma jinkwadrax f'ebda mis-subincizi tal-Artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta, u minghajr pregudizzju ghas-suespost legalment ma jregix u dana stante li t-termini u l-metodu li tipprovdi l-Awtorita` a fini ta' ssigillar ta' bore holes huwa wiehed tekniku u li jrid jigi amministrat minn perit tas-sengha u intiz propju sabiex boreholes bhal tal-appellanti ma jibqghux jigu abbuzati u ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.*

*Ghaldaqstant dan l-Onorabbli Bord tal-Appelli ghandu jigi, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.*

*D.* ***Konkluzjoni***

*Illi in vista tas-suespost l-esponenti umilment tinterponi li dan l-Onorabbli Bord tal-Appelli ghandu jikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` appellata fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011), bl-ispejjez kontra appellant."*

Ra illi dawn il-proceduri gew assenjati quddiem dan it-Tribunal minn quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar ir-Rizorsi sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 184 tal-2012.[1]

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

[1]Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Gurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva (Rizorsi)

Sema' x-xhieda ta' Antoine Riolo,[2] ta' Miriam Micallef Sultana,[3]

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` intimata;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-Avviz Legali 204 tal-2009, mill-15 ta' Lulju 2009 l-Awtorita' Dwar ir-Rizorsi kienet bdiet "*taccetta applikazzjonijiet għan-notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taħt l-art li ma kinux ġew ippreżentati lilha sa l-20 ta' Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun ġustifikat b'raġunijiet minħabba ċirkustanzi speċjali li jkunu xierqa:*

*Iżda wkoll huma biss dawk iċ-ċirkustanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta' l-Att, għandhom jitqiesu validi mill-Awtorità.*"

Illi fl-10 ta' Novembru 2010, ir-rikorrent ghamel applikazzjoni ghan-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art (*borehole*). Illi peress li din l-applikazzjoni kienet wahda tardiva, u cioe` ma saritx sal-20 ta' Novembru 2008, ir-rikorrent kellu wkoll jipprezenta affidavit sabiex jaghti raguni ghaliex ma kienx irregistra l-istess *borehole* sat-terminu indikat.

Illi permezz ta' decizjoni datata 28 ta' Settembru 2011, l-Awtorita` intimata gharrfet lir-rikorrent li wara li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali qies li ma kinux jezistu cirkostanzi specjali, li huma gustifkati u xierqa, sabiex tigi accettata l-applikazzjoni tieghu tardivament, hija ma accettatx l-applikazzjoni tieghu u ordnatlu sabiex jaghlaq l-istess sors tal-ilma ta' taht l-art.

Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni li kopja taghha tinsab esebita a fol. 22 tal-process u intavola l-appell odjern.

---

[2] A fol. 57 sa 63
[3] A fol. 64A u a fol. 87 sa 89

Illii t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel ma ghandu jitratta hija proprju l-eccezzjoni tan-nullita` tal-appell imqajjma mill-Awtorita` intimata. Skond l-istess Awtorita`, dan l-appell huwa irritu u null peress li l-istess ma jinkwadra fl-ebda wahda mill-aggravji elenkati f'artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi).

L-imsemmi artikolu 34 jghid is-segwenti:-

*"Jista' jsir appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għal kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:*

*a) Zball materjali dwar il-fatti;*
*b) Jekk ikun hemm zball materjali fil-procedura;*
*c) Jekk ikun sar zball fil-ligi;*
*d) Jekk ikun hemm xi illegalita` materjali, inkluza irragonevolezza jew nuqqas ta` proporzjonalita` fis-sentenza."*

Illi minn qari tal-appell tar-rikorrent jemergi bil-wisq car illi r-rikorrent qieghed jibbaza l-istess appell fuq il-fatt li l-Awtorita` intimata ma kkunsidratx ir-ragunijiet imressqa minnu bhala xierqa u gustifikati, liema aggravju jaqa' perfettament f'subinciz (a) tac-citat artikolu.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata ghandha tigi michuda.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal se jinvesti issa l-mertu proprju tal-appell.

Illi f'dawn il-proceduri xehed **Antoine Riolo,** rapprezentant tal-Awtorita` intimata, li spjega li s-sors ta' ilma ta' taht l-art li pprova jinnotifika r-rikorrent ma kienx ikkunsidrat bhala "borehole" mill-Awtorita` u dana ghaliex skond hu kienet toqba fl-art. Jghid pero` li kieku dan is-sors gie notifikat qabel id-*deadline* ta' Novembru 2008 allura tali notifikazzjoni kienet tigi accettata.

Illi skond il-minuti tal-*Advisory Committee – Notification of Groundwater Sources (Amendment) Regulations 2009* esebiti bhala Dok MS1 minn fol. 65 sa fol. 69 jirrizulta illi l-gustifikazzjoni moghtija mir-rikorrent, u cioe` li l-imsemmi

sors induna bih biss wara li ghamlet maltempata u kixfet is-sors, ma kinitx meqjusa bhala raguni xierqa u gustifikata.

Illi skond l-affidavit[4] maghmul konguntivament mir-rikorrent, Emanuel Farrugia u Anthony Farrugia u li gie pprezentat flimkien mal-applikazzjoni ghan-notifikazzjoni, jirrizulta illi fl-1963 kienet ittiehdet art minghand misserhom u z-zijiet taghhom biex tinbena fabbrika. Jghidu li minhabba n-natura tal-pedament kienu saru xi testijiet fuq l-istess art bir-*rig* fejn gew imhaffra madwar sittin (60) toqba. Wara li saru l-accertamenti, parti mill-art kienet baqghat ghandhom u parti nbniet. Jghidu li fil-bidu tal-2010 kienet ghamlet hafna xita u infethet toqba li qabel kienet mghottija bil-hamrija u ghalhekk ippruvaw jirregistrawha bhala sors tal-ilma ta' taht l-art mal-Awtorita` intimata biex jekk hemm bzonn isir il-*meter*.

**<u>Miriam Micallef Sultana</u>**, Kap tat-Taqsima tal-Licenzji tal-Awtorita` intimata, ikkonfermat li skond il-ligi is-sors tar-rikorrent jikkwalifika bhala sors tal-ilma. Tghid li din il-*boerehole* x'aktarx kienet wahda minn diversi *inspection boreholes* li kienu saru biex jiccekkjaw is-sahha tal-blat f'dik l-akwata meta nbnew il-fabbriki. Tghid li mill-informazzjoni li ghandha l-Awtorita` intimata, hafna minn dawn il-*boreholes* illum huma maghluqin u sigillati bil-konkrit peress li jigu gol-art tal-fabbriki.

Illi mir-rapport tat-teknici ta' dan it-Tribunal jirrizulta illi s-sors in kwistjoni jaqa' fid-definizzjoni tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.20 bhala sors ta' l-ilma ta' taht l-art, li l-*borehole* in kwistjoni ma ghandhiex wisq iktar minn ghoxrin sena, illi huwa teknikament possibbli li l-istess *borehole* thaffret biex jigi ccekkjat il-kundizzjoni tal-blat ghal skop ta' kostruzzjoni.

Illi ghaldaqstant, minn dak li xehdu l-istess rapprezentanti tal-Awtorita` intimata, u minn dak relatat mill-membri teknici tat-Tribunal, m'hemm l-ebda kontestazzjoni li s-sors in kwistjoni huwa sors ta' ilma ta' taht l-art ai termini tal-Avviz Legali 255 tal-2008[5] kif sussegwentement emendat

[4] A fol. 25 u 26
[5] Regolamenti ta' l-2008 dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taht l-Art

permezz tal-Avviz Legali 204 tal-2009[6] u wkoll kif definit permezz tal-Avviz Legali 241 tal-2010.[7]

Ghaldaqstant li jibqa' in konstestazzjoni huwa jekk ir-rikorrent kienx f'posizzjoni jew le li jinnotifika l-istess sors qabel ma ghalaq il-perjodu imsemmi fl-Avviz Legali 255 tal-2008.

Illi skond ma intqal fl-affidavit tar-rikorrent u hutu, huma skoprew is-sors in kwistjoni wara li fil-bidu tal-2010 ghamlet hafna xita u giet skoperta t-toqba li qabel kienet mghottija bil-hamrija.

Illi mir-rapport tal-membri teknici jirrizulta illi din l-ispjegazzjoni hija plawsibbli u tikkombaca mal-fatt illi din it-toqba, u toqob simili, kienu saru ghal skop ta' verifikazzjoni ta' kundizzjoni tal-blat. Illi ghalhekk, fil-fehma umli ta' dan it-Tribunal, ir-rikorrent ma seta' qatt ikun jaf bl-istess sors qabel ma x-xita garret il-hamrija sal-punt li giet skoperta l-istess toqba. It-Tribunal iqis li dawn ic-cirkostanzi jiggustifikaw lir-rikorrent li ma nnotifikax is-sors sat-terminu tal-20 ta' Novembru 2008 stante li f'dak il-mument ma kienx a konoxxenza tal-istess fatti. Dan il-kaz huwa nettament differenti minn ghadd ta' kazijiet ohra decizi minn dan it-Tribunal fejn il-gustifikazzjoni kienet wahda ta' negligenza li wiehed jinnotifika s-sorsi tempestivament. It-Tribunal iqis li r-rikorrent kien fl-impossibilita` li jinnotifika l-istess sors stante li ma kellu l-ebda idea li l-istess sors kien ezistenti fl-art tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord kien zbaljat meta ghamel l-apprezzament tal-fatti u tac-cirkostanzi li wasslu lir-rikorrent jinnotifika l-istess sors tardivament.

Illi in vista ta' dak sottomess iktar 'il fuq, dan it-Tribunal mhux se jidhol fil-mertu tat-tielet aggravju tar-rikorrent dwar jekk l-istess sors jistghax teknikament jigi sigillat o meno ghaliex dan ikun biss ezercizzju futili.

---

[6] Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taht l-Art

[7] Regolamenti Dwar il-*Metering* tal-Ilma Li Jittella Minn Taht l-Art

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi, fit-termini hawn fuq enuncjati, jilqa' l-appell interpost mir-rikorrenti u qieghed jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 28 ta' Settembru 2011 u jidderigi lill-istess Awtorita` intimat sabiex taghmel dak kollu necessarju sabiex is-sors tar-rikorrent jigi meqjus bhala sors notifikat validament ai termini tal-Avviz Legali 204 tal-2009.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**